Nru. 17,906
Prezz Lm1.44ċ
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' April, 2006
Friday, 7th April, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 301

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi bejn il-Ħamis, is-6 ta' April, 2006 u s-Sibt, it-8 ta' April, 2006, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-6 ta' April, 2006
(OPM 3/2006)

Nru. 302

KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarji għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn oħra b'seħħ mill-15 ta' Frar 2006 ta':-

Avv. Dott. Robert Mangion, LL.D.
Avv. Dott. Deborah Farrugia, LL.D.
Avv. Dott. Matthew Brincat, LL.D.

Is-7 ta' April, 2006
(MJ/5/88/II)
(OPM/141/81)

GOVERNMENT NOTICES

No. 301

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, between Thursday, 6th April, 2006 and Saturday, 8th April, 2006, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

6th April, 2006

No. 302

COMMISSIONERS FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291) the Prime Minister has approved the appointment as Commissioner for Justice, for a further period of two (2) years from 15th February 2006 of:-

Adv. Dr Robert Mangion, LL.D.
Adv. Dr Deborah Farrugia, LL.D.
Adv. Dr Matthew Brincat, LL.D.

7th April, 2006

Nru. 303

KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (KAP. 431)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru, skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, approva illi s-Sur Pierre Fava, President ta' l-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem ta' Malta, ikun nominat fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sat-28 ta' Settembru, 2006.

Is-7 ta' April, 2006
OPM/181/2001/III

No. 303

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT (CAP. 431)

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister, in accordance with the provisions of Section 4 of the Malta Council for Economic and Social Development (Cap. 431), has approved that Mr Pierre Fava, President of the Malta Employers' Association, be appointed on the Malta Council for Economic and Social Development up to the 28th September 2006.

7th April, 2006

Nru. 304

'WARRANT' MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jaqtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jaqtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Pulizija

Is-Supt. Neville Aquilina	Is-Supt. Paul Camilleri
Is-Supt. Nicholas Ciappara	Is-Supt. Ronald Cilia
Is-Supt. Lawrence Cutajar	Is-Supt. Bartholomeo Mula
Is-Supt. Pius Pisani	Is-Supt. Patrick Spiteri
Is-Supt. Raymond Vella Gregory	L-Isp. Carmelo Abdilla
L-Isp. Joseph Agius	L-Isp. Maria Stella Attard
L-Isp. Victor Aquilina	L-Isp. Paul Bond
L-Isp. Mario Bonello	L-Isp. Jesmond Borg
L-Isp. Jesmond J. Borg	L-Isp. Anthony Cassar
L-Isp. Roland Cassar	L-Isp. Raymond D'Anastas
L-Isp. Carlo Ellul	L-Isp. Kevin J. Farrugia
L-Isp. Johann J. Fenech	L-Isp. Stephen J. Gatt
L-Isp. Alexander Grech	L-Isp. Antonello Grech
L-Isp. Alfred Mallia	L-Isp. Ramon Mercieca
L-Isp. Francis Micallef	L-Isp. Josric Mifsud
L-Isp. Pierre Micallef Grimaud	L-Isp. Martin Sammut
L-Isp. Theresa Sciberras	L-Isp. Malcolm Spiteri
L-Isp. Walter Spiteri	L-Isp. Mario Tonna
L-Isp. Daniel Zammit	

B'Awtorità

TONIO BORG
Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Is-7 ta' April, 2006
(MJHA/144/2003/IV)

No. 304

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Home Affairs appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Police

Supt Neville Aquilina	Supt Paul Camilleri
Supt Nicholas Ciappara	Supt Ronald Cilia
Supt Lawrence Cutajar	Supt Bartholomeo Mula
Supt Pius Pisani	Supt Patrick Spiteri
Supt Raymond Vella Gregory	Insp. Carmelo Abdilla
Insp. Joseph Agius	Insp. Maria Stella Attard
Insp. Victor Aquilina	Insp. Paul Bond
Insp. Mario Bonello	Insp. Jesmond Borg
Insp. Jesmond J. Borg	Insp. Anthony Cassar
Insp. Roland Cassar	Insp. Raymond D'Anastas
Insp. Carlo Ellul	Insp. Kevin J. Farrugia
Insp. Johann J. Fenech	Insp. Stephen J. Gatt
Insp. Alexander Grech	Insp. Antonello Grech
Insp. Alfred Mallia	Insp. Ramon Mercieca
Insp. Francis Micallef	Insp. Josric Mifsud
Insp. Pierre Micallef Grimaud	Insp. Martin Sammut
Insp. Theresa Sciberras	Insp. Malcolm Spiteri
Insp. Walter Spiteri	Insp. Mario Tonna
Insp. Daniel Zammit	

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

7th April, 2006

Nru. 305

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, fil-Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Cacciottolo	Direttur *Director*	Teżor *Treasury*	04-07.04.2006

Is-7 ta' April, 2006

No. 305

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (TREASURY)

THE Permanent Secretary, in the Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

7th April, 2006

Nru. 306

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (AWDITJAR INTERN U INVESTIGAZZJONIJIET)

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Rita Schembri	Direttur *Director*	Awditjar Intern u Investigazzjonijiet *Internal Audit and Investigations*	From 22.3.2006

Is-7 ta' April, 2006

No. 306

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INTERNAL AUDIT AND INVESTIGATIONS)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

7th April, 2006

Nru. 307

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali, wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Kirkop	Anthony Bonello

Id-29 ta' Marzu, 2006

No. 307

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council, after consultation with the Minister for Justice and Internal Affairs, has approved that the following person be appointed Acting Executive Secretary of the Local Council:–

Local Council (Locality)	*Executive Secretary*
Kirkop	Anthony Bonello

29th March, 2006

Nru. 308

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Kuraturi Uffiċjali u Avukati għal Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi Dott. Tonio Azzopardi, LL.D., irreżenja mill-kariga.

Is-7 ta' April, 2006
MJ/44/88/IV

No. 308

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Official Curators and Advocates for Legal Aid

IT is notified for general information that Dr Tonio Azzopardi, LL.D., has resigned from the appointment.

7th April, 2006

Nru. 309

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Msmbru tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

SKOND l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, (Kap. 343), il-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuna msemmija hawn taħt biex tkunu membru tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' biex tara l-kompetenza kif indikat.

Agribusiness
Technical Member
Is-Sur Eman Calleja

Is-7 ta' April, 2006

No. 309

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Member

IN terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), the Employment and Training Corporation is hereby nominating the person listed hereunder to be appointed member of the Trade Testing Board to assess the competency as indicated.

Agribusiness
Technical Member
Mr Eman Calleja

7th April, 2006

Nru. 310

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membru tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

SKOND l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343), il-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex tkunu membru tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' biex tara l-kompetenza kif indikat.

Agrikoltura (Bhejjem)
Technical Member
Is-Sur Noel Azzopardi

Is-7 ta' April, 2006

No. 310

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Member

IN terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), the Employment and Training Corporation is hereby nominating the person listed hereunder to be appointed member of the Trade Testing Board to assess the competency as indicated.

Agriculture (Livestock)
Technical Member
Mr Noel Azzopardi

7th April, 2006

Nru. 311

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

SKOND l-artikolu 20 (14) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf b'din l-intenzjoni tagħha li tlesti l-formazzjoni ta' Triq l-Għoljiet ta' Ġuno, Marsaxlokk, liema triq tidher fuq il-pjanta ta' hawn taħt.

Kull persuna, li skond il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq, għandha ħmistax-il ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni li fihom trid twettaq l-obbligi tagħha skond il-liġi. Jekk ma jsirx hekk, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tlesti l-formazzjoni tat-triq hi stess skond is-saħħa li tagħtiha l-liġi, u l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jkollha d-dritt li tirkupra l-ispejjeż li jkunu saru minn din il-persuna jew persuni.

Is-7 ta' April, 2006


No. 311

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

IN virtue of article 20 (14) of the Code of Police Laws of Malta, the Malta Transport Authority, hereby gives official notice of its intention to carry out the information of Triq l-Għoljiet ta' Ġuno, Marsaxlokk, which street is shown on the site plan below.

Any person, who under the law has the obligation to form said street, has fifteen days from the date of the publication of this Notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Malta Transport Authority shall itself proceed with the formation of this street as it is empowered to do by law to form said street, and the Malta Transport Authority shall have the right to recover any expenses made from such person or persons.

7th April, 2006



Nru. 312

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
30. 03. 06	Lm6.59c3	13c8
03. 04. 06	Lm6.72c8	14c4
04. 04. 06	Lm6.75c8	14c6
05. 04. 06	Lm6.66c1	14c5
06. 04. 06	Lm6.64c7	14c4

Is-7 ta' April, 2006

No. 312

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

7th April, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 24

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' April 2006 mis-2.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco (quddiem il-Knisja), Isouard u Azzopardi (quddiem il-Kunvent).

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' April 2006 mill-4.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Azzopardi, Marsa, Balbi, il-Pont ta' San Tumas, Zerafa u Isouard.

Is-7 ta' April, 2006

POLICE NOTICE

No. 24

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Marsa

On Sunday, 9th April 2006, from 2.00 p.m. till midnight through the following streets: Nerik Sacco (infront of Church), Isouard and Azzopardi (infront of Convent).

On Sunday, 9th April 2006, from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Nerik Sacco, Azzopardi, Marsa, Balbi, St Thomas Bridge, Zerafa and Isouard.

7th April, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 25

Bis-saħħa ta' l-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Qormi

Nhar il-Ħadd id-9, it-Tnejn l-10 u t-Tlieta, il-11 ta' April, 2006 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Vitorja u San Bartolomeo.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ħamis, it-13 ta' April, 2006 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Sciortino u Pjazza San Filep.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' April, 2006 minn nofsinhar 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Pjazza San Filep, Sciortino u Vjal il-Ħelsien.

Il-vetturi huma soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' April, 2006

POLICE NOTICE

No. 25

In virtue of section 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Qormi

On Sunday 9th, Monday 10th and Tuesday, 11th April, 2006 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: il-Vitorja and San Bartolomeo.

Żebbuġ

On Thursday, 13th April, 2006 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Sciortino and Pjazza San Filep.

On Friday, 14th April, 2006 from noon onwards through the following streets: il-Kbira, Pjazza San Filep, Sciortino and Vjal il-Ħelsien.

Vehicles are liable to be towed.

7th April, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 26

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Għawdex

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' April 2006 mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Katidral, it-Telgħa tal-Kastell, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' April 2006 mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika u l-Vajringa.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' April 2006 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza

POLICE NOTICE

No. 26

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Victoria - Gozo

On Sunday, 9th April 2006, from 2.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Katidral, it-Telgħa tal-Kastell, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza.

On Friday, 14th April 2006, from 3.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika and il-Vajringa.

On Sunday, 16th April 2006, from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp,

Indipendenza, il-Karità, l-Iskola, Pjazza Santu Wistin, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika, il-Vajringa, it-Telgħa tal-Kastell, il-Kastell, Pjazza Sabina u Pjazza Katidral.

In-Nadur - Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' April 2006 mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Dun Bernard Haber, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann, Grunju, Dun Grezz Buttigieg, Xuf ir-Riħ, Pjazza San Pietru u San Pawl u t-13 ta' Diċembru.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' April 2006 mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Dun Bernard Haber, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann, Xuf ir-Riħ, Pjazza San Pietru u San Pawl u t-13 ta' Diċembru.

Ix-Xagħra - Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' April 2006 minn nofsinhar sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-Vittorja, it-28 ta' April 1688, San Ġużepp, ta' Bullara u Jannar.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' April 2006 minn nofsinhar 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru, Franġisk Camilleri u l-Imqades.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Is-7 ta' April, 2006

Pjazza Indipendenza, il-Karità, l-Iskola, Pjazza Santu Wistin, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika, il-Vajringa, it-Telgħa tal-Kastell, il-Kastell, Pjazza Sabina and Pjazza Katidral.

Nadur - Gozo

On Friday, 14th April 2006, from 3.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Dun Bernard Haber, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann, Grunju, Dun Grezz Buttigieg, Xuf ir-Riħ, Pjazza San Pietru u San Pawl and it-13 ta' Diċembru.

On Sunday, 16th April 2006, from 9.00 a.m. till 1.00 p.m. through the following streets: Dun Bernard Haber, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann, Xuf ir-Riħ, Pjazza San Pietru u San Pawl and it-13 ta' Diċembru.

Xagħra - Gozo

On Friday, 14th April 2006, from noon till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza l-Vittorja, it-28 ta' April 1688, San Ġużepp, ta' Bullara and Jannar.

On Sunday, 16th April 2006, from noon onwards through the following streets: Pjazza l-Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru, Franġisk Camilleri and l-Imqades.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

7th April, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 27

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Malta

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' April 2006, bejn is-7.00 a.m. u d-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kulleġġ, San Publiju, Borg Olivier, San Franġisk, l-Isptar, San Pawl u Misraħ il-Parroċċa.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' April 2006, bejn is-6.00 a.m. u l-

POLICE NOTICE

No. 27

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat - Malta

On Sunday, 9th April 2006, between 7.00 a.m. and 9.30 a.m. through the following streets: il-Kulleġġ, San Publiju, Borg Olivier, San Franġisk, l-Isptar, San Pawl and Misraħ il-Parroċċa.

Dingli

On Sunday, 9th April 2006, between 6.00 a.m.and 11.00

11.00 p.m. minn Misraħ Ġużè Abela.

Vetturi li jiksru dan l-Avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Is-7 ta' April, 2006

p.m. through Misraħ Ġużè Abela.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

7th April, 2006

Oġġetti Misjuba u Kkonsenjati lill-Pulizija

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perijodu Ottubru, Novembru u Diċembru, 2005.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
17.10.05	Kamera tar-ritratti	Carmelo Cardona
17.10.05	Flus	PC 792 Daniel Delia Għassa tal-Pulizija tar-Rabat
21.10.05	Basket, xugaman, ħwejjeġ, *cosmetics,* ktieb, nuċċali tax-xemx	Wayne Joseph Camilleri
21.10.05	Brazzuletta	Anna Maria Tonna
21.10.05	*Electronic game*	PS 1373 J. Micallef c/o Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida
21.10.05	Ħwejjeġ	Joe Dimech
28.10.05	Arloġġ ta' l-idejn	Anthony Joseph Briffa
04.11.05	Ċurkett	Theresa Maria Calleja
11.11.05	Flus	Andrea Demicoli
11.11.05	Arloġġ ta' l-idejn	Miriam Pace Spadaro
11.11.05	*Mobile phone*	Maria Ann Degiorgio
11.11.05	Kartiera/Flus	Għassa tal-Pulizija Ħal Balzan PC482
16.12.05	Nuċċali tal-vista	Mario Calleja
16.12.05	Kartiera/Flus	Carlo Lamanna
16.12.05	Kamera tar-ritratti	Henry Cassar
30.12.05	Misluta	Giuseppe Montebello

Oġġetti Misjuba u Kkonsenjati lill-Pulizija

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perijodu Jannar, Frar u Marzu, 2006.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
06.01.06	Ċurkett	John Buhagiar
06.01.06	Kartiera/Ċurkett	Frei Magrit Isoide
06.01.06	*Mobile*	Alex Chuchieri
13.01.06	Flus	Felix Farrugia
13.01.06	*Mobile*	Joseph Farrugia
27.01.06	Kartiera/Flus	Sister Alberta Ellul
03.02.06	*Handbag/cosmetic/radio*	Philip Leone Ganado
03.02.06	Ċwievet	Leonard Vassallo
03.02.06	Arloġġ ta' l-idejn	Bernard Bridges
03.02.06	Kamera tar-ritratti	David Denton
03.02.06	Ċurkett	John Eden Griffin
17.02.06	Kartiera/Flus	Joseph Ellul
17.02.06	Portmoni/Flus	Perarne Hatlen
17.02.06	Portmoni/Flus/*Master Card*/Flus Barranin/Karti Personali	Philippa Vella
17.02.06	Brazzuletta	Ruth Harriet Solomon
17.02.06	Ċurkett	Vincenzo Tonna
17.02.06	*Mobile phone cards*	Stephen Attard
17.02.06	Kartiera/Flus/*Visa Cards*/Karti Personali	William Hand
17.02.06	Kartiera/Flus/*Cards* tal-librerija/*Credit Cards*	Joe Calleja
24.02.06	Portmoni/Ċwievet/Flus	Paul Buhagiar
10.03.06	Flus	Risa Tanabe
17.03.06	Kamera tar-ritratti	Amanda Bonnici

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi ser issir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Sliema.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-7 ta' April, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Sliema.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

7th April, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma ser ikunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, nhar it-Tlieta 11, l-Erbgħa 12 u l-Ħamis 13 ta' April, 2006 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Sliema.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-7 ta' April, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Tuesday 11th, Wednesday 12th and Thursday 13th April, 2006 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Sliema.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

7th April, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati biex jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Skola Sekondarja tas-Subien Sir Temi Zammit, *ex*-Sptar David Bruce, l-Imtarfa.

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.90 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames siegħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following School:

Sir Temi Zammit Boys' Secondary School, ex-David Bruce Hospital, Mtarfa.

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.90 for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

JEW

(ii) ikollhom għarfien tajjeb tal-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li għandhom l-għarfien meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikunu ta' eta ta' 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċ ertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti;

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni.) L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess biex jiġi verifikat fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li għandhom għarfien tajjeb tal-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2, 3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' April, 2006.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-7 ta' April, 2006

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 28th April 2006.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

7th April, 2006

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Recruitment Circular: HEAD/PU/CSD/03.2006
Nominations for the Post of Head of Printing
Printing Section, Corporate Services Division

The Commonwealth Secretariat invites nominations from member states for the post of Head of Printing, Printing Section, Corporate Services Division.

Details of the post, including a job description and summary of the terms and conditions of service are available on the Commonwealth Secretariat's website: www.thecommonwealth.org.

Candidates should provide a curriculum vitae accompanied by a covering letter setting out their experience and skills in relation to the competences and other requirements for the position.

Applications which should be addressed to the Human Resources Officer, Human Resources Section, Commonwealth Secretariat, should reach the Commonwealth, through the Ministry of Foreign Affairs, by not later than 1st May 2006.

More information may be obtained from the Ministry of Foreign Affairs on 25968255/244.

7th April, 2006

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Recruitment Circular: PlannOff/SPED/9-2006
Nominations for the Post of Planning Officer
Strategic Planning and Evaluation Division

The Commonwealth Secretariat invites nominations from member states for the post of Planning Officer, Strategic Planning and Evaluation Division.

Details of the post, including a job description and summary of the terms and conditions of service are available on the Commonwealth Secretariat's website: www.thecommonwealth.org.

Candidates should provide a curriculum vitae accompanied by a covering letter setting out their experience and skills in relation to the competences and other requirements for the position.

Applications which should be addressed to the Human Resources Officer, Human Resources Section, Commonwealth Secretariat, should reach the Commonwealth, through the Ministry of Foreign Affairs, by not later than 10th May 2006.

More information may be obtained from the Ministry of Foreign Affairs on 25968255/244.

7th April, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta':-

Handyperson

L-applikanti għandu jkollhom esperjenza f'xogħol ħafif ta' manutenzjoni (bħal *plumbing*, żebgħa, tikħil, eċċ), kif ukoll il-*Wireman's Licence 'A'* maħruġa mill-Korporazzjoni Enemalta u mill-inqas ħames snin esperjenza relevanti.

Aktar dettalji u l-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-website tal-MCAST fuq www.mcast.edu.mt jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Blokk Amministrattiv, Kampus Prinċipali tal-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.

Kandidati prospettivi għandhom jitfgħu l-formola ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kollha mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-13 ta' April 2006. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Kampus Prinċipali tal-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, Paola PLA 08. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-7 ta' April, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for the post of:-

Handyperson

Candidates must have experience in simple maintenance repairs (such as plumbing, painting, plastering, etc.). They must possess the Enemalta Wireman's Licence 'A' and at least five years relevant experience.

Further details and application forms are available from the MCAST website at www.mcast.edu.mt or from the Human Resources Office at the Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form by not later than Thursday, 13th April 2006 at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08. Late applications will not be accepted.

7th April, 2006

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Lista ta' offerti mogħtija mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul Marzu 2006.

Deskrizzjoni ta' l-Oġġett *Nature of Item*	Kuntrattur *Contractor*
Diathermy dissecting forceps	Jamesco Trading Ltd. - Sliema
Pyridoxine hydrochloride 50mg tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Crotamniton cream 10%	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Doxapram 100mg injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Fluphenazine 25mg injections	Drugsales Ltd. - Lija
Domperidone 1mg/ml suspension	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Chart paper for hewlett packard monitor	Drugsales Ltd. - Lija
Thompson hip prosthesis	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Ibuprofen 100mg/5ml suspension	Jane Mifsud - Mellieħa
Hydrocortisone ointment 1%	Medicem Ltd. - Marsaxlokk
Mesalazine 400mg (asacol ®) tablets	Medicem Ltd. - Marsaxlokk
Vigabatrin 500mg sachets	Medicem Ltd. - Marsaxlokk
C.R.T. films	Attard & Co. Ltd. - Marsa
Norethisterone 5mg tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Manifold sets	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Light cured bonding agent	Apollo Imports Ltd. - Msida
Bipolar coagulation forceps straight	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Oral palio vaccine	Cherubino Ltd. - Gżira
Streptokinase 1,500,000 injections	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Ethyl chloride spray	Clinipharm Ltd. - Attard
E PTFE non absorbable monofilament	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann

Is-7 ta' April, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

List of tenders awarded by the Government Pharmaceutical Services during March 2006.

7th April, 2006

MALTA ENTERPRISE

Lista ta' kuntratti mogħtija mill-Malta Enterprise matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 2005.

Offerta *Tender*	Kuntrattur *Contractor*
Project design, construction and equipment including the Malta Pavilion at Tripoli International Fair	Sign It Ltd.
IT equipment - PCs	First International
IT equipment - Server	HP World
Supply and installation of aluminium windows, vertical blinds and window sills at KBIC	Camray Company Ltd.
Research project - Gozo Based Enterprise	Fresh Marketing

Is-7 ta' April, 2006

MALTA ENTERPRISE

List of contracts awarded by Malta Enterprise during the period from the 1st January to the 31st December, 2005.

7th April, 2006

KUNSILL LOKALI ZURRIEQ

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali ta' konsultazzjoni mal-persuni kollha li jidhru fuq ir-reġistru elettorali taż-Żurrieq nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' April 2006, fiċ-Ċentru tal-Komunità Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, iż-Żurrieq, fis-6.00 p.m.

Laqgħa Annwali għal Rħajjel ta' Bubaqra, iż-Żurrieq

The Executive Secretary notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited in the tender box at the Council's office by not later than 1.15 p.m. of Wednesday, 3rd May, 2006, for:-

Advt. No. KLM 01/06. Bulky refuse collection.

A fee of Lm45 is to be paid for each copy of tender documents.

Tender documents may be obtained from the Council's Administrative Office, 173, Balbi Street, Marsa HMR 14, during office hours.

Tenders will be opened in public immediately after the closing time stipulated.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

7th April, 2006

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-2 ta' Mejju 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kunsill Lokali Naxxar, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. T03/06. Kisi bit-tarmak ta' Triq il-Parroċċa.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta relattivi jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, in-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u s-2.00 p.m. u l-4.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa).

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Wieħed jista' wkoll jara d-dokumenti ta' l-offerta mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

Is-7 ta' April, 2006

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to noon of Tuesday, 2nd May 2006, for:-

Advt. No. T03/06. Resurfacing of Parish Street.

A fee of Lm30 is to be paid for each copy of tender documents.

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, 21st September Avenue, Naxxar, from 8.00 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m. (Monday to Friday).

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reserves the right to refuse any offer.

7th April, 2006

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żurrieq jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-24 ta' April 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. NUR67/01/06. Tindif ta' toroq mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Kopja tad-dokumenti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Żurrieq, 'Ċentru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Pietru Pawl Saydon, iż-Żurrieq ŻRQ 02.

Is-7 ta' April, 2006

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of Żurrieq Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Monday, 24th April 2006, for:-

Advt. No. NUR67/01/06. Cleaning of non urban roads.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

A copy of tender documents may be obtained from the Żurrieq Local Council's Office, 'Ċentru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq ŻRQ 02.

7th April, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

547

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Jannar 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4904/05, fl-ismijiet Gianfranco Desiderato vs J. P. Farrugia et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Jean Pierre Farrugia, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 18th January 2006, in the records of the judicial letter number 4904/05, in the names Gianfranco Desiderato vs J. P. Farrugia et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Jean Pierre Farrugia, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, illum, 24 ta' Novembru 2005.

In the First Hall Civil Court, today 24th November 2005.

Lil Jean Pierre Farrugia detentur tal-karta ta' l-identità 734181(M) 9, Flat 4, West Street, Valletta.

To Jean Pierre Farrugia holder of Identity card 734181(M) 9 Flat 4, West Street, Valletta.

Lil Royal & Sun Alliance Insurance PLC debitament rappreżentanti mis-soċjetà assikurativa Elmo Insurance Agency Limited ta' Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

To Royal & Sun Alliance Insurance PLC duly represented by the insurance company Elmo Insurance Agency Limited of Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Bil-preżenti Gianfranco Desiderato detentur tal-Passaport Taljan P 505608 T ta' Santa Marija, Flat No. 1, Alley 2, Triq l-Isperanza, il-Mosta, filwaqt illi l-mittenti jagħmel riferenza għall-inċident awtomobilistiku tas-27 ta' Diċembru 2004, għal madwar l-10.15 p.m., li ġara fi Triq il-Kbira, il-Mosta fejn l-intimat Jean Pierre Farrugia li kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka Toyota Carina targata GAT 794 ħabat mal-vettura ta' l-istess mittenti u cioé l-vettura Volkswagen Golf GAT 794, u fejn minħabba l-istess inċident awtomobilistiku ġara unikament minħabba t-traskuraġni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess intimat Jean Pierre Farrugia, kkawża danni fil-vettura proprjetà tal-mittenti u cioé l-vettura Volkswagen Golf GAT 794 kif ukoll ikkawża danni kemm ta' damnum emergens kif ukoll lucrum cessans fil-mittenti stess.

By the present Gianfranco Deisderato holder of Italian Passport P 505608T of Santa Marija, Flat No. 1, Alley 2, Hope Street, Mosta, whilst the interpellants refer to the car accident of the 27th December 2004 round about 10.15 p.m. which occurred in Main Street Mosta, whereby the respondent Jean Pierre Farrugia, who was driving the vehicle of the type Toyota Carina with the following number plate GAT 794 collided into the vehicle of the same interpellant and that is the vehicle Volkswagen Golf GAT 794, and whereby due to the same car accident which occurred solely due to carelessness, lack of attention and non observance of the traffic regulations on the part of the same respondent Jean Pierre Farrugia, caused damages in the vehicle property of the interpellants and that is the vehicle Volkswagen Golf GAT 794 and as well caused damages both of damnum emergens and lucrum cessans to the same interpellant.

Illi mittenti b'riferenza għall-ittra uffiċjali li ppreżenta fis-26 ta' Jannar 2005, b'liema ittra intkom ġejtu notifikati, jinforma lill-intimat kif ukoll is-soċjetà assikurattiva ta' l-istess intimat, li l-istess mittenti ppreżenta kawża ta' danni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili liema kawża għandha ċ-ċitazzjoni numru 932/2005, u liema kawża qiegħda quddiem l-Onor Imħallef Giannino Caruana Demajo, LL.D., Iżda liema kawża s'issa għadha ma ġietx appuntata;

The interpellant with reference to the judicial letter he filed on the 26th January 2005, by which letter you were notified, informs the respondent as well as the insurance company of the same respondent, that the same interpellant had filed a cause for damages before the First Hall Civil Court which cause bears Writ of Summons number 932/2005 and which cause is before Mr. Justice Giannino Caruana Demajo, LLD., but which case has not yet been appointed;

Il-mittenti qiegħed jinforma lis-soċjetà assikurativa bis-saħħa tal-liġi stess u kif ukoll skond dispożizzjonijiet fil-liġi taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

The interpellant is informing the insurance company in virtue of the law itself and now also according to the dispositions in the law under Chapter 104 of the Laws of Malta.

Bl-ispejjeż.

With costs.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 3 ta' April 2006.

Registry of the Superior Courts, today 3rd April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

548

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Jannar 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4499/05, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Antonella Vassallo u Jonastin Zammit pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Antonella Vassallo a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 24 ta' Ottubru 2005

Lil Antonella Vassallo u Jonastin Zammit f'ismikom personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-partnership Q-Productions.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellakom ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XX111 ta' l-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att , tħallsu l-ammont ta' tmienja u tletin elf, disa' mija u sitta u sittin Lira Maltin (Lm38,966) rappreżentanti ammont dovut minnkom bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XX111 ta' l-1998 fuq imsemmi sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħtilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Mittenti: Centre Point Building, Triq ta' Paris, Bkara.

Notifiki: (1) Antonella Vassallo, 374, La Musique, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi.

(2)……..Omissis……

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 11th January 2006, in the records of the judicial letter number 4499/05, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Antonella Vassallo and Jonastin Zammit pro et noe ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Antonella Vassallo in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 24th October 2005.

To Antonella Vassallo and Jonastin Zammit in your own name as well as in the name and in representation of the partnership Q-Productions.

By the present, the Commissioner for Value added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of Act XX111 of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of thirty eight thousand nine hundred and sixty six Maltese Liri (Lm38, 966) representing the amount due by you as Value Added Tax.

With costs and with interest according to Act XX111 of 1998 above mentioned till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary, but not excusively in order to render the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify: (1) Antonella Vassallo, 374, La Musique, Mon. Michael Azzopardi Street, Siggiewi.

(2)……Omissis ……

Registry of the Superior Courts today 3rd April 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

549

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Frar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 371/05 JA, fl-ismijiet Saviour Falzon vs Isabelle Falzon, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Saviour Falzon (ID Numru 454165M) ippreżenta Ċitazzjoni fis-16 ta' Novembru 2005, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra Isabelle Falzon (ID Numru 488992M) fejn talab il-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti;

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.....Omissis.....

2. tawtorizza lill-attur illi jgħix separatament mill-konvenuta martu;

3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri .....Omissis.....tiġi fdata lil-attur salv aċċess tal-konvenuta fil-ġranet u l-ħinijiet stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur żewġha għalih u għall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tiġi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bżonnijiet ta' l-attur.....Omissis.....

5. tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

6. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti.....Omissis.....

7. tikkundanna l-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha dotali u parafernali tiegħu u separatament tordna illi l-attur jiġi mogħti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu.

8. tawtorizza lill-attur illi jirreġistra ossija tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 24th February 2006, in the records of the Writ of Summons Number 371/05 JA, in the names Saviour Falzon vs Isabelle Falzon, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Saviour Falzon (ID Number 454165M) filed a Writ of Summons on the 16th November 2005, in the Civil Court (Family Section) against Isabelle Falzon (ID Number 488992M) whereby he asked the defendant to state why this Court should not;

1. declare and pronounce the personal separation between the parties.....Omissis.....

2. authorize the plaintiff to live separately from the defendant his wife;

3. order the care and custody of the minor children.....Omissis.....be entrusted to the plaintiff saving access to the defendant within the days and times established by this Honourable Court;

4. condemn the defendant to pay the plaintiff her husband for him and the said minor children the adequate maintenance that shall be fixed by the same Court, according to the means of the defendant and the necessities of the plaintiff.....Omissis.....

5. to apply against the defendant entirely or in part of the provisions of article 48 of the Civil Code (Chapter 16).

6. to declare dissolved the community of acquests existing between the parties and order that the same objects forming part of the community of acquests be divided into two portions as shall be ordered and established by this Court.....Omissis.....

7. condemn the defendant to deliver to the plaintiff all her dotal and parafernal property and separately order that the plaintiff be given the full administration of his paraphernal property.

8. to authorize the plaintiff to register in the Public Registry the judgement eventually delivered by this Court.

9. tipprojbixxi lill-istess konvenuta milli tkompli tuża kunjom attur.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-Ċitazzjoni kontra l-konvenuta illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Konvenuta: 17, Ġesu, Triq Corrado, Ħaż-Żabbar.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 371/2005 JA, fl-ismijiet Falzon Saviour vs Falzon Isabelle, tinsab differita għas-smigħ għat-12 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 4 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

9. to prohibit the defendant from continuing to use the surname of the plaintiff.

With costs, as stated in the Writ of Summons against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: 17, Gesu, Corrado Street, Żabbar.

The case Writ of Summons Number 371/2005 JA, in the names Falzon Saviour vs Falzon Isabelle, has been put off for hearing to the 12th May 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 4th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

550

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 141/06 TM, fl-ismijiet Dott. Edward Debono noe vs Cel Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar 2006, fl-ismijiet Dott. Edward Debono, LL.D. detentur tal-karta ta' l-identità 592758(M) bħala mandatarju għall-assenti minn Malta Giovanni Romanazzi Carducci detentur tal-karta ta' l-identità Taljana AH 1692636 vs Cel Limited (C 905), ir-rikorrenti Dott. Edward Debono nomine espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma;

1. Illi l-attur huwa kreditur tas-soċjetà konvenuta fis-somma tnejn u tletin elf liri Maltin (Lm32,000) u dan bis-saħħa tal-ftehim ta' l-ewwel (1) ta' Ġunju 2000....Omissis.....

2. Illi l-attur interpella lis-soċjetà konvenuta diversi drabi biex iħallas is-somma ta' tnejn u tletin liri Maltin (Lm32,000) oltre l-imgħax legali mill-ewwel (1) ta' Lulju 2002 però s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti u dan anki kif jidher mill-anness ittra markat dok B;

3. Illi l-ammont dovut lill-attur nomine huwa ċert, likwidu

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th March 2006, in the records of the Writ of Summons number 141/06 TM, in the names Edward Debono noe vs Cel Limited ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 24th February 2006, in the names Dr Edward Debono, LL.D., holder of identity card 592758(M) as mandatary of the absent from Malta Giovanni Romanazzi Carducci holder of Italian identity card AH 1692636 vs Cel Limited (C 905), the applicant Dr Edward Debono nomine pleaded with respect and confirmed under oath;

1. That the plaintiff is a creditor of the defendant company in the sum of thirty two thousand Maltese liri (Lm32,000) and this in virtue of an agreement of the first (1) of June 2000....Omissis.....

2. That the plaintiff called upon the defendant company various times to pay the sum of thirty two thousand Maltese liri (Lm32,000) besides legal interest from the first (1) July 2002 but the defendant company remained in default and this as appears from the attached letter marked doc B;

3. That the amount due to the plaintiff nomine is certain,

u skadut u l-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni x' jagħti għat-talba ta' l-attur.

4. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha meħtieġa skond l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi bid-dispensa tas-smigħ;

Jgħid għalhekk il-konvenut prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u għad-dokumenti esebiti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi skond it-talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u;

1. Tikkundanna s-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' tnejn u tletin elf liri Maltin (Lm32,000) oltre l-imgħax legali mill-ewwel (1) ta' Lulju 2002 u dan bis-saħħa tal-ftehim ta' l-1 ta' Ġunju 2002.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tas-soċjeà konvenuta in subizzjoniLista tax-Xhieda.

Lista tax-Xhieda

Lista tad-Dokumenti.

Notifika – CEL Limited (C 905), 63A, Tower Road, Sliema.

Ir-Rikors Numru 141/2006, TM, fl-ismijiet Debono Dott. Edward, LL.D. Noe vs CEL Limited (C 905) jinsab differit għas-smigħ għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

liquidated and due and the defendant has no pleas to raise against the demand of the plaintiff.

4. That thus there exist all the necessary elements according to Article 167 of Chapter 12 of the Laws of Malta, so that the Court shall pass on to decide without proceeding to a hearing;

Thus the defendant is to state saving any necessary and opportune declaration and for the reasons premised and in view of the documents exhibited why this Honourable Court should not decide according to the demand of the plaintiff without proceeding to a hearing according to article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta and;

1. Condemn the defendant company to pay the plaintiff the sum of thirty two thousand Maltese liri (Lm32,000) besides legal interest from the 1st July 2002 and this in virtue of an agreement of the 1st June 2002.

With cost and the defendant company is summoned so that a reference to its evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify – CEL Limited (C 905), 63A, Tower Road, Sliema.

The Application Number 141/2006 TM, in the names Debono Dr Edward, LL.D. Noe vs CEL Limited (C 905) has been put off for hearing to Tuesday, 20th June 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

551

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju 2005, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

It is hereby notified that by a decree given by this Court on the 14th June 2005, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju 2005, fuq talba tal-Bank of Valletta p.l.c. ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Kenneth Caruana, fl-atti taċ-Ċitazzjoni fl-ismijiet Bank of Valletta vs William Joseph Caruana et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Mejju 2005 mill-Bank of Valletta p.l.c., 173, St. Christopher Street, Valletta, kontra 1. William Joseph Caruana (ID Numru 309942M), The Penthouse, 3rd Floor, Bridge End Flats, Olive Street, San Ġiljan, 2. Kenneth Caruana (ID Numru 155274M), The Penthouse, Villa Yuana, Lapsi Street, San Ġiljan, il-konvenuti ġew mitluba jgħidu għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet imsemmija;

(1) Tikkundanna lil William Joseph Caruana u lil Kenneth Caruana jħallsu flimkien u 'in solidum' bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u sitta u disgħin lira Maltin u disgħa u tmenin ċenteżmu (Lm41,996.89) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft Accounts' ta' William Joseph Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'C1 sa C22', 'D1 sa D23' Dok 'E1 sa E2' u Dok F1) flinkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-31 ta' Marzu 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati 24 ta' Frar 2003, li ġew ippreżentati kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Notifika bil-Bandi: 1. William Joseph Caruana (ID Numru 309942M)
The Penthouse, 3rd Floor, Bridge End Flats,
Olive Street, San Ġiljan.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 476/05 GV, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c vs William Joseph Caruana et tinsab differita għat-28 ta' April 2006, fid-9.15 a.m.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts.

Whereas by a decree given by this Court on the 14th June 2005, following a request of the Bank of Valletta p.l.c. it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent Kenneth Caruana in the records of the Writ of Summons in the names Bank of Valletta p.l.c. vs William Joseph Caruana et and in the relative and subsequent acts.

By means of a Writ of Summons filed in the First Hall Civil Court on the 18th May 2005 by the Bank of Valletta p.l.c., 173, St. Christopher Street, Valletta, against 1. William Joseph Caruana (ID Number 309942M), The Penthouse, 3rd Floor Bridge End Flats, Olive Street, St. Julians, 2. Kenneth Caruana (ID Number 155274M), The Penthouse, Villa Yuana, Lapsi Street, St. Julian's the defendants were asked to state why this Honourable Court should not for the reasons mentioned;

(1) Condemn William Joseph Caruana and Kenneth Caruana to pay together and 'in solidum' between them, the plaintiff company the sum of forty one thousand, nine hundred ninety six Maltese liri and eighty nine cents (Lm41,996.89) balance of debt in the 'Loan and Overdraft Accounts' of William Joseph Caruana with the Bank of Valletta p.l.c. (Doc 'C1 to C 22' 'D1 to D 23' 'E1 to E2' and Doc F1) together with further interest from the 31st March 2005, till the date of effective payment.

With costs including those of the judicial letters dated 24th February 2003, which were filed against the defendants who from are summoned so that a reference to their evidence be made.

Notify with the Banns: 1. William Joseph Caruana (ID Number 309942M)
The Penthouse, 3rd Floor Bridge End Flats,
Olive Street, St. Julians.

The cause Writ of Summons 476/05 GV, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs William Joseph Caruana et has been off to th 28th April 2006, at 9.15 a.m.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Giannino Caruana Demajo, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 14 ta' Ġunju 2005.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 4 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned by the witness of Mr Justice Giannino Caruana Demajo, LLD., Doctor of Laws.

Today 14th June 2005.

Registry of the Superior Courts, today 4th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

552

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-16 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Ġunju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Ġunju, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-garaxx bla numru f'livell semi-basement sottopost u formanti parti minn blokk ta' flats esternament bla numru u bla isem fi Triq il-Lampuki, Marsaskala, stmat li jiswa Lm35,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Current Fashions Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Ottubru, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, 22 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Registratur

By decree given by the Civil Court First Hall on 16th March, 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Tuesday, 20th June, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th June, 2005 to be held in the Corridor of these Courts of the following property.

Unnumbered garage at semi-basement level, underlying and forming part of a block of flats externally unnumbered and unnamed in Triq il-Lampuki, Marsascala, valued at Lm35,000.00c0.

The said property belongs to Current Fashions Limited.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Godwin P. Abela A&CE on the 18th day of October, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of March, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

553

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-20 ta' Marzu 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors ippreżentat minn Bank of Valletta p.l.c. fl-20 ta' Jannar 2006, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' Lm457.22 depożitat b'ċedola 1239/05, appartenenti lil Anthony u Josette Spiteri

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-28 ta' Marzu 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 20th March 2006, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by Bank of Valletta plc on the 20th January 2006, the said Bank is asking for the withdrawal of Lm457.22 deposited by Schedule of Deposit number 1239/05 appertaining to Anthony and Josette Spiteri.

Registry of the Superior Courts, today the 28th March 2006.

VINCENT ATTARD
For The Registrar, Civil Courts and Tribunals

554

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis- 16 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' M. Demajo (Wines& Spirits) Ltd ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, l-20 ta' April, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-16 ta' Marzu, 2006 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Ir-razzett mingħajr numru jismu' "Ta'Saveria", ġewwa Triq Il-Għallies, limiti tan-Naxxar, magħruf ukoll bħala "Ta' Budaqq Ta' Sajda", bil-ġnien anness miegħu tal-kejl ta' ċirka 374 metru kwadru, flimkien ma' porzjoni art adjaċenti l-istess propjetà magħrufa bħala "Ta' Andrea Ta' Kruċ", tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 1,686 metru kwadru, flimkien stmati li jiswew Lm85,000.00ċ.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' NICHOLSONS THE SUPERMARKETS LIMITED ET.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Joseph Sapienza fir-relazzjoni tiegħu annessa fl-atti tas-Subbasta Numru 14/2002.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgha, l-24 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 16 March, 2006 on the application of M. Demajo (Wines& Spirits) Lt, Thursday, 20th April, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 16 March, 2006 to be held at THE CORRIDORS OF THE COURST OF JUSTICE, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA of the following property.

Unnumbered farmhouse known as "Ta' Saveria", in Triq Il-Għallies, limits of Naxxar, also known as "Ta' Budaqq Ta' Sajda", including its garden measuring superficially 374 square meters, and including a plot of land known as "Ta' Andrea Ta' Kruċ", measuring superficially 1,686 square meters, adjacent to the same property, together valued Lm85,000.00c.

The said tenement is the property of NICHOLSONS THE SUPERMARKETS LIMITED ET.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by A.I.C. Joseph Sapienza in his report attached with Judicial Sales Proceedings Number 14/2002.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 24th March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

555

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-16 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Ġunju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-13 ta' Ġunju, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bl-isem ta' 'Antrose', Triq is-Simar, ix-Xemxija limiti ta' San Pawl il-Baħar, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm40.00 liema ċens huwa rivedibbli kull 50 sena mill-31 ta' Diċembru 1963, stmat li jiswa Lm80,000.00ċ0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Joseph u Marvic konjugi Cutajar.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-16 ta' Novembru, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, 22 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the Civil Court First Hall on 16th March, 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Tuesday, 20th June, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 13th June, 2005 to be held in the Corridor of these Courts of the following property.

Tenement named 'Antrose', Simar Street, Xemxija limits of St Paul's Bay subject to an annual and perpetual groundrent of Lm40, which groundrent is revisable every 50 years commencing from the 30th December 1963, valued at Lm80,000.00c0.

The said property belongs to Joseph and Marvic spouses Cutajar.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Valerio Schembri, A&CE, on the 16th day of November, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of March, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

556

Ikun jaf kulhadd illi b'digriet tas-6 ta' Marzu, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-Publikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn HSBC Bank Malta p.l.c. fl-4 ta' Jannar, 2006 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' Lm7,500 depożitat b'ċedola numru 1245/2005, fl-ismijiet Carmelo Sciberras, fil-kummerċ, bin il-mejjet Joseph u Paola née Borg, imwieled tal-Pietà u joqgħod il-Qrendi, Karta ta' l-ID Numru 650058M (vs) HSBC Bank Malta p.l.c.(C-3177) (vs) Agnes Cutajar.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 8 ta' Marzu 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a Decree of the 6th March, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by HSBC Bank Malta p.l.c. on the 4th January 2006, is asking for the withdrawal of the amount of Lm7,500 deposited by Schedule of Deposit No. 1245/2005 in the names of Carmelo Sciberras, in business, son of Joseph and Paola née Borg, born in Pietà and residing at Qrendi, ID Card No. 650058M (vs) HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177) (vs) Agnes Cutajar.

Registry of the Superior Courts, today 8th March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

557

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-13 ta' Marzu 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12)

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-subbasta Numru: 135/2004
fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta p.l.c

Vs

Victor Zammit et

Imħallef: Onor. Dr. G.Valenzia, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis, l-14 ta' Lulju 2005 favur ta' HSBC Bank Malta p.l.c bil-prezz ta' Lm310,000.00ċ 0 "Animo Compensandi" għall-propjetà hawn taħt imsemmija li tappartjeni lil Victor u Rose konjugi Zammit, u cioe:

Il-fully detached villa bla numru jisimha "Villa Aurora", Triq il-Kappella ta' San Mikiel, Birguma, fil-limiti tan-Naxxar, inluż il-ġnien, swimming-pool, u l-benefikati kollha tagħha stmata li tiswa Lm1,115.000.00ċ0.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-Liġi Victor Chetcuti kiser il-kwindena u offra Lm319,500.00ċ0 għall-propjetà fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmija, il-jum tat-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2006, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debituri eżekutanti, il-liberitarju u dak li offra l-aħħar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali

it is hereby notified that by a decree of the 13th March 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purporse of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12)

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction No. 135/2004
in the names:

HSBC Bank Malta p.l.c (C-3177)

Vs

Victor Zammit et

Honourable Dr.G.Valenzia, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Thursday 14th July, 2005 in favour of HSBC Bank Malta p.l.c for the price of Lm310,000.00c0 "Animo Compensandi" for the undermentioned property; which property belongs to Victor and Rose spouses Zammit, namely:

The Fully-detached villa known as "Villa Aurora", in Triq il-Kappella ta' San Mikiel, Birguma limits of Naxxar, including the garden, swimming-pool and all other amenities, valued at Lm1,115,000.00c0.

Whereas Victor Chetcuti interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm319,500.00c0 for the said property.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday the 2nd day of May 2006 between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by auction of the aforementioned immovable, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the debtors, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Registry of the Superior Courts, today the 21st day of March, 2006

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts and Tribunals

558

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-16 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Ġunju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Lulju, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-maħżen bla numru uffiċjali, magħruf bħala 'Flowerland' f'Misraħ il-Kittieba, Ħal Qormi, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.00c0 stmat li jiswa Lm75,000.00ċ0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Joseph u Pauline konjugi Azzopardi.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-26 ta' Ottubru, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, 22 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the Civil Court First Hall on 16th March, 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Tuesday, 20th June, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 15th July, 2005 to be held in the Corridor of these Courts of the following property:

Unnumbered store known as 'Flowerland' in Misraħ il-Kittieba, Qormi subject to an annual and perpetual groundrent of Lm1.00c0, valued at Lm75,000.00c0.

The said property belongs to Joseph and Pauline spouses Azzopardi.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Mario Cassar A&CE on the 26th October, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of March, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

559

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-16 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Ġunju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-14 ta' Awissu, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-ħanut bin-numru 25, li jismu 'Sweet Box Snack Bar', Sawmill Street, Imsida stmat li jiswa Lm40,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Marco u Miriam konjugi Chircop.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Renè Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-2 ta' Dicembru, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, 22 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

